BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 01/14 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis 23 ta' Jannar 2014 fil-5.30pm**

| *Preżenti* | *Membri* |
| --- | --- |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Aġent Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużati** | **Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Mrs Bernardette Pace** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 14/13 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J. Baldacchino ippropona u S.Zammit issekonda mozzjoni biex il-minuti nru. 14/13 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/01 -* Tressqet talba quddiem il-Kunsill Lokali proposta ta' estensjoni ta' bankina kif ukoll tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fil-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni l-Kamra laqgħet din it-talba bil-kundizzjonijiet li jekk l-applikazzjoni tiġi milqugħa mill-MEPA, l-ispejjeż involuti jħallashom l-applikant, l-estensjoni tal-bankina tkun tikkumplimenta l-bankina diġa eżistenti kif ukoll isir paravendu li jkun jimmarka l-*area* li fiha jistgħu jitpoġġew imwejjed u siġġijiet.

***AĠENDA -3***

Ġie mressaq fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport magħmul mill-bord tal-aġġudikazzjoni ta' Sejħa Pubblika Nru. 03/13 - Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi. Il-bord issuġġerixxa li, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja li jinsab fiha l-Kunsill Lokali kif ukoll fid-dawl ta' miżuri ta' *cost cutting* li qed jieħu l-Kunsill Lokali, s-sejħa pubblika titwaqqa' u tinħareġ sejħa pubblika oħra b'inqas ħinijiet ta' ftuħ tal-latrini pubbliċi speċjalment fix-xhur xitwin. Il-Kunsill Lokali approva dan is-suġġeriment u talab l-amministrazzjoni sabiex jinbeda l-proċess għall-ħruġ ta' sejħa pubblika oħra.

***AĠENDA -4***

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjegat lill-Kamra l-proċess kollu għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-bord għal dan l-ingaġġ ressaq ir-rapport tiegħu quddiem il-Kunsill, fejn spjega li l-ebda kandidata li attendiet għall-*interview*, ma ġabet *pass mark* u għaldaqstant ma jista' jirrakkomanda lil ħadd għal dan il-post vakanti. Il-Kunsill Lokali unanimament approva d-deċiżjoni tal-bord. Il-Kamra qablet li għandha tinkiteb ittra lill-Onor Jose' Herrera fejn għandha tintalab amenda fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsilli Lokali jkollhom l-opportunita' li jiftħu sejħa għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv anke għall-persuni barra l-*pool*.

***AĠENDA -5***

Il-Kamra wara li evalwat ir-rapporti tal-iskrivani li ressqet l-Aġent Segretarju Eżekuttiv approvat biex it-tlett skrivani jiġu allokati bil-*full perfomance bonus* skont kif stipulat fil-liġi. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kamra jekk kienx hemm bżonn li toħroġ mill-Kamra għall-evalwazzjoni tal-*performance bonus* tagħha. Il-Kamra ma ratx li hemm bżonn u wara li evalwat ir-rapport imressaq mis-Sindku ġie approvat biex tieħu l-*full performance bonus*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għan-nom tagħha u tal-iskrivani rringrazzjat lis-Sindku u lill-Kunsillieri kollha b'dan il-ġest.

***AĠENDA -6***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Diċembru 2013. Peress li ma kien hemm l-ebda amenda jew oġġezzjoni, il-Kamra qablet li tħallas is-somma ta' € 47933.20 skont Skeda Nru. 12/13.

***AĠENDA -7***

1. Il-Viċi-Sindku, is-Sur K. Barun:

- talab lill-Kumitat għall-Immaniġġjar tat-Traffiku sabiex jara x'jista' jsir fi Triq ir-Raddiena minħabba li ħafna karozzi qed jiksru l-liġi u jitilgħu *wrong-way.* Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandu jerġa' jsir rapport ieħor lill-pulizija. Is-Sindku rrimarka li fl-istess triq hemm bżonn li titwaħħal *bollard* quddiem il-katusi tal-appartamenti (faċċata tal-ħarruba) għaliex dawn kull darba qed jitkissru mill-karozzi kull meta jidħlu fi Triq ir-Raddiena.

- informa lill-Kamra fuq il-laqgħa li delegazzjoni mill-Kunsill Lokali kellu mal-Onor. Chris Cardona kif ukoll ma' rappreżentanti tal-Port Ħieles fir-rigward tal-flus tal-UIF. Il-Ministru l-Onor. Chris Cardona nforma l-Kunsill Lokali li qabel ma jkun jista' jtella' *Cabinet Memo* se jieħu l-parir tal-Avukat Ġenerali. Rappreżentanti tal-Freeport informaw lil dawk preżenti li l-*capital dredging* se jieqaf fis-sajf filwaqt li se jkompli biss il-*maintenance dredging* 'il barra mill-bajja.

2. Il-Kunsillier, is-Sur J. Baldacchino:

- talab sabiex, minħabba abbużi li qed isiru fi Trejqet l-Iskola u l-*playing-field* ta' Triq Santa Katarina, għandhom isiru *u-shaped barriers* sabiex jingħalaq l-aċċess għall-karozzi minn Trejqet l-Iskola għall-*playing-field*. Kulħadd qabel.

- saħaq li hemm bżonn li tinkiteb ittra bl-avukat lill-Kumitat Konġunt għall-flus dovuti tal-LES. Kulħadd qabel.

- informa l-Kamra li hemm bżonn li jiġi rranġat l-*istage* l-antik ta' Misraħ il-Knisja.

- staqsa lill-Kamra fir-rigward ta' meta se jibda l-proġett li l-Kunsill ħa fondi għalih taħt Measure 125. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li dan għandu jibda fit-tieni kwart tas-sena.

3. Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit:

- informa l-Kamra li l-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen jixtiequ li għal Marzu jagħmlu attivita' fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kamra talbet sabiex isirilha talba uffiċjali mill-Għaqda bid-dettalji kollha sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista' jevalwha u jitlob l-approvazzjoni tal-MTA.

- issuġġerixxa li l-Kunsill Lokali jiddiskuti x'pożizzjoni se jieħu meta titressaq il-proposta tad-delega tal-i*street lighting*.

- hemm bżonn li ssir *update* tal-*website* tal-Kunsill Lokali minħabba li hemm xi affarijiet neqsin u antiki.

- saħaq li hemm bżonn li tinkiteb ittra lil sid l-għalqa li għamel ħajt tas-sejjieħ ġdid fi Triq Tal-Ġebel. Minħabba li dan twaqqaf mill-MEPA milli jkompli, tħalla gandott perikoluż li hemm bżonn li jiġi rranġat mill-aktar fis.

- talab l-approvazzjoni tal-Kamra sabiex isir xogħol ta' xkaffar ġdid fl-*istore* Tal-Papa li jammonta għal €140. Kulħadd qabel.

- talab *update* fuq il-funtana ta' Ġnien l-Indipendenza. L-Aġent Segretarju infurmat lill-Kamra li minħabba nuqqas ta' fondi fil-fond tal-UIF, din l-applikazzjoni twaqqfet temporanjament.

4. Il-Kunsillier, is-Sur C. Muscat:

- fakkar lill-Kamra li *ż-zebra crossings* fl-*area* ta' San Ġorġ għadhom ma sarux. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tinstalla bi prova żewġ *belisha lights* li jaħdmu bil-pannelli solari fiż-*zebra cross* ta' ħdejn l-għassa tal-pulizija sabiex tittieħed deċiżjoni fuq kif isiru *ż-zebra crossings* tal-*area* ta' San Ġorġ.

- issuġġerixxa li jiġi nstallat aktar dawl f'Misraħ il-Knisja minħabba li hu mudlam.

5. Is-Sindku, is-Sur J. Farrugia:

- ressaq talba quddiem il-Kamra ta' sid ta' ħanut f'Misraħ is-Summit għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet kif ukoll tinda. Wara diskussjoni, l-Kamra laqgħet din it-talba bil-kundizzjoni li jitħalla 1.5mtr passaġġ għall-pubbliku.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.15pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar il-Erbgħa, 19 ta' Frar 2014 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| ........................................... | ................................................ |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżk.** |